MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru. 275/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Edgar Zarb**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Edgar Zarb ta’ 68 sena, iben Carmelo u Rosina nee’ Sammut, imwieled Balzan nhar is-06 ta’ Ottubru 1942 u residenti no. 32, ‘Carmel’, Triq Nerik Sacco, Marsa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 591642(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fis-7 ta’ Frar 2011 fil-5:30 ta’ filghaxija gewwa ir-residenza no. 32 ‘Carmel’, Triq Nerik Sacco, Marsa, bil-

hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Carmela Mifsud ta’ 64 sena, f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi ta’ daqqiet ta’ strument li jaqta u bil-ponta (mus), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’permezz ta’ strument li jaqta’ u jniggez ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Carmela Mifsud skond kif gie ccertifikat min Dott. Arrard Biancardi MD reg No. 3124 tal-Isptar Mater Dei;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u/jew garr strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-martu Evelyn Zarb sabiex jingurja, jdejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Edgar Zarb b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta’ protezzjoni favur l-imsemmija Carmela Mifsud u Evelyn Zarb u dan ai terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta’ Marzu 2012 (inserita a fol. 204 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

1. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 217, 218(1)(a) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fl-Artikoli 3 u 51(1)(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Mejju 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012 l-imputat ghandu problemi ta' natura psikjatrika kagunati minn konsum eccessiv tal-alcohol li jikkawzawlu paranoia u li kkonducewh jikkommetti r-reati li taghhom instab hati. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-parti civili hafru lill-imputat ghal

dak li gara u kkunsidrat ukoll li l-imputat ghamel sena u tlett xhur taht arrest preventiv fejn huwa kien qed jinzamm fil-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli u kien qed jinghata l-kura mehtiega ghall-problemi medici hawn fuq indikati. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva li tkun aktar vicin il-minimum imponibbli mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-23 ta’ Marzu 2012 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 217, 218(1)(a) u 222A(1), 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 3 u 51(1)(a) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------